# "U TAGĦARFU L-VERITA' U L-VERITA' TEĦLISKOM"

(Ġwanni 8:32)
minn
Renald Williams

Aqbad il-Bibbja tiegħek u aqra l-Iskritturi msemmija:

1. **Id-Divinità fi Tliet Persuni:** "Morru mela u għallmu l-ġnus kollha: U għammduhom **fl-ISEM tal-Missier** u ta' **l-Iben** u ta' **l-Ispirtu s-Santu**" (Mattew 28:19); "Il-grazzja ta' Sidna **Ġesù Kristu** u l-imħabba ta' **Alla** u x-xirka ta' **l-Ispirtu s-Santu ikunu** magħkom ilkoll. Amen" (2 Korintin 13:14).

2. **Min rifes ras is-serp?** Kristu (Ġenesi 3:15).

3. **Il-kmandamenti kollha tat-Testment il-Qadim reġgħu ssemmew fit-Testment il-Ġdid *ħlief dak tas*-SABBATH – KELMA Lhudija li tfisser waqfien mix-xogħol għas-sibtijiet u l-festi:** "Tħallu 'l ħadd min jagħmel ħaqq minnkom fuq jum ta' festa jew il-qamar ġdid jew IL-JIEM TAS-SIBT." (Kolossin 2:16). Minflok is-Sibt: "U *fl-ewwel jum tal-ġimgħa* (il-Ħadd) x'ħin id-dixxipli ltaqgħu flimkien" (Atti 20:7; 1 Korintin 16:2).

4. **L-Għaxar Kmandamenti ta' Alla fit-Testment il-Qadim u x'jgħidu dwar l-istatwi u x-xbiehat?** 1. "Jiena l-Mulej Alla tiegħek. Ma jkollox allat oħra quddiemi." 2. "*La tagħmel ebda xbieha: La tmilx quddiemhom u la tqimhomx*." (Eżodu 20:1-17; Dewt. 5:1-21).

5. **Fit-Testment il-Ġdid naqraw:** Aqra Atti 17: 29). "U bidlu l-glorja t'Alla li ma jintemmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jintemm… Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba…" (Rumani 1: 23-25).

6. **Il-kelma "Knisja" ġejja mill-Grieg *ekklesia* li tfisser l-imsejħin. Nsara ġejja mill-Grieg li tfisser *Kristjani*:** (Ara Atti 11: 26; Rumani 16:16).

7. **X'inhu t-tempju fit-Testment il-Ġdid?** "Alla li hu fis-sema

u fl-art ma jgħammarx f'tempji magħmulin bl-idejn tal-bnedmin" (Atti 17:24). Ara 1 Kor. 6:19; 3: 16).

8. **Min Hu s-Sultan?** "Natanael qallu: Rabbi, int l-Iben t'Alla: Int is-sultan…" (Ġwanni 1:49). Ara Ġwanni 12:13; Ġwanni 18:37; Luqa 23:3; Mark 15:2; Mattew 27:11-31). Biex ikun Prinċep u Salvatur: "Biex jagħti l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet" (Atti 5:31; 2:30). "Ikun hemm il-għerq ta' Ġessi u dak li jqum biex isaltan fuq il-Ġentili: Fih il-Ġentili jittamaw" (Rumani 15:12).

9. **Min hu l-Blata?** "Ġesù qal: Int Xmun bin Ġwanni: Int tissejjaħ Kefa li jfisser Pietru" (Ġwanni 1:42). "U intom ukoll bħala Ġebel ħaj intom mibnijin bini spiritwali" (1 Pietru 2:5). Pietru fil-Grieg: *Petros* li tfisser biss ġebla żgħira. Blata fil-Grieg: *Petra* li tfisser blata kbira li ma tistax iċċaqlaqha. "Ġesù qalilhom: Min jgħidu n-nies li jiena: Bin il-bniedem jien? … Qalilhom: Iżda intom min tgħidu li jien? Xmun Pietru qal: Inti 'l Kristu Bin Alla l-ħaj. "U jiena ngħidlek: Inti Pietru (*petros)* u fuq din il-blata (*Petra*, "Kristu Bin Alla l-ħaj") jiena nibni l-knisja tiegħi…" (Mattew 16:13-18). "Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka: Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan." (Mark 12:10). "…u din il-*blata kienet* Kristu" (1 Korintin 10:4). "Kull min jisma' kliemi (il-Mulej) u jagħmilhom jixbah lil raġel li bena dar u qiegħed is-sisien fuq il-blat. Kienet mibnija fuq *blata*" (Luqa 6:47) "Għax ħadd ma jista' jqiegħed pedament ieħor ħlief dak li ġa tqiegħed; *u dan hu Ġesù Kristu*" (1 Korintin 3:11).

10. **Min Hu r-Ras tal-Knisja?** "Ġesù qal: Kull setgħa hi mogħtija lili fis-sema u fl-art" (Mattew 28:18). "U qiegħed kollox taħt riġlejh. U lilu għamlu fuq kollox biex ikun Ras il-Knisja" – Lil Ġesù Kristu! (Efesin 1:22; Kolossin 1:18). Atti 20:28).

11. **Min hu Arċipriet?** *Arċi* fil-Grieg tfisser *Kbir*. *Priet* fit-Taljan *Prete*, fl-Ingliż, *Priest*, jiġifieri, Qassis il-Kbir. "L-appostlu u l-Qassis il-Kbir tagħna *Ġesù Kristu*" (Lhud 3:1; 5:10). "Ġesù li sar Qassis il-Kbir għal dejjem" (Lhud 6:20; 9:11). "Għandna bħala Qassis il-Kbir wieħed li qiegħed in-naħa tal-lemin tat-tron tal-

Maestà fis-smewwiet" (Lhud 20:8).

12. **Min Hu r-Ragħaj il-Kbir?** Fit-Taljan *il-Grande Pastore*. "Sidna Ġesù r-Ragħaj il-Kbir tan-ngħaġ" (Lhud 13:20). "U meta jidher ir-Ragħja il-Kbir (Kristu)" (1 Pietru 5:4). Pietru stess qalu dan!

13. **Min Hu Missier Qaddis?** Fl-Ingliż *Holy Father* / Fit-Taljan *Santo Padre*. "Missier igglorifika l-Ibnek biex Ibnek jigglorifikak ukoll: U jien (Ġesù) ġej għandek. **Missier Qaddis**" (Ġwanni 17:4, 5, 11). "Għax int (Missier) **waħdek Qaddis**…" (Apokalissi 15: 4). "**Qaddis** u tal-biża' hu ismu! (il-Missier)" (Salm 111:9

14. **Min hu Reverendu?** Bl-Ingliż *Reverend*, fil-Malti *tal-biża'*. Fl-Ingliż, "*Holy* and *Reverend* is His name" (isem Alla waħdu)! (ara fuq, Salm 111:9).

15. **Min hu Monsinjur?** *Mon-sinjur* fit-Taljan *Mio Signore*, fil-Malti, *is-Sinjur tiegħi* jew *Sidi* jew *Mulejja*, fl-Ingliż, *My Lord*. "*Mulejja* u Alla tiegħi" (Ġwanni 20:28). "**Mulej Wieħed**: Fidi waħda, magħmudija waħda" (Efesin 4:5). "Intom għandkom **Sid** fis-sema" (Kolossin 4:1; 2:6; 2 Pietru 1:2). Il-grazzja ta' **Sidna** Ġesù Kristu u l-imħabba ta' Alla u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu ikunu magħkom ilkoll. Amen" (2 Kori-ntin 13:14). "Jiċħdu wkoll **is-Sid** li xtrahom" (2 Pietru 2:1).

16. **Min hu Missier (spirit-wali)?** Fil-Malti *Papa* (missier), fl-Ingliż *Father*, fit-Taljan *Padre*. "U ssejħu *l-ebda* bniedem **missier-kom** (spiritwalment) fuq l-art" (Mattew 23:9). "U nkun għalikom *Missier* u intom tkunu għalija wlied—subjien u bniet—jgħid il-Mulej li Jista' Kollox" (2 Korintin 6:18).

17. **Għandu Alla lil xi ħadd fuqu?** "Dak li hu ġej minn fuq hu **fuq kulħadd**; min hu mill-art hu ta' l-art u jgħid ħwejjeġ ta' l-art; dak li hu ġej mis-sema hu **fuq kulħadd**" (Ġwanni 3:31). "Alla wieħed u Missier **kulħadd li hu fuq kulħadd**" (Efesin 4:6).

18. **Min Hu Qassis jew Saċerdot?** "U intom (il-Kristjani) ukoll,

bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali, **saċerdozju** qaddis" (1 Pietru 2:5). "U li għamilna (Kristjani) Saltna, **Qassisin** għal Alla tiegħu Missieru,…" (Apokalissi 1:6).

19. **Min hu Isqof jew Xiħ (anzjan) jew fil-Grieg "Presbuteroi qalb il-poplu li huma kollha saċerdoti jew qassisin?** "Għamlulhom ukoll *presbiteri f'kull knisja*" (Atti 14:23). "… flimkien ma' *l-isqfijiet* tagħhom u d-djakni li jinsabu fil-belt ta' Fili-ppi." "…u biex taħtar *presbiteri f'kull belt*" (Titu 1:5). "Nitlob lill-*presbiteri* [xjuħ] li hemm fost-kom, *bħala presbiteru jien ukoll*." (1 Pietru 5:1). Dan il-kliem qiegħed jgħidu Pietru stess! L-isqof (jew presbiteru) għandu jkun "raġel ta' mara waħda: wieħed li jaf imexxi tajjeb lil daru, li jżomm lil uliedu." (1 Timotju 3:3; Titu 1: 6). "X'uħud jitilqgħu mill-fidi billi jagħtu widen għal spirti qarrieqa u tagħlim tax-xjaten: li ma jridux li jsir żwieġ u jordnaw li ma jittekilx ikel." (1 Timotju 4:1). "Id-djakni jkunu rġiel li ma jkunux iżżewġu aktar minn darba, u li jkunu jafu jmexxu 'l uliedhom u 'l djarhom sewwa" (1 Timotju 3: 12). "Il-jedd li nieħdu magħna mara bħal l-appostli l-oħra u ħut il-Mulej" (1 Korintin 9:5).

20. **X'relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara?** "Kull min ikeċċi lil martu: ħlief minħabba ż-żina: iġa-għalha tagħmel adulterju" (Mattew 19:9; Rumani 7:1-3).

21. **Ġesù kellu Ħutu, jiġifieri, kellha Marija, omm Ġesù, aktar ulied minn żewġha Ġuż-eppi?** "Ħa jkun imweġġħah iż-żwieġ f'kollox" (Lhud 13:4). "La tiċċaħdux minn xulxin" (1 Korintin 7:5). "…u ħa lil martu għandu, Imma baqa' ma għarafhiex *sa ma* kellha iben, u semmieh Ġesù" (Mattew 1:25). "U tat lid-dinja **l-ewwel** (Grieg: *prototokos*) iben tagħha" (Luqa 2:7). Kieku kien l-uniku iben kienet tintuża l-kelma Griega *monogenes*. Ġesù mar f'belt jisimha Najin: "kienu qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu, mara armla, **ma kelliex ħliefu**" (Luqa 7:12; ara wkoll Luqa 8:42 u 9:38). "Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu mhijiex dik li jisimha Marija, u **ħutu** Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda? U **ħutu** (Grieg: *adelphoi*) l-bniet mhumiex kollha magħna?" (Mattew 13:55; Mark 6:1-6).

22. **Il-kelma "Qraba" tinstab ukoll fil-Bibbja:** "Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost **qrabat-hom** (Grieg: *suggeneusin*) u n-nies li kienu jafuhom (Grieg: *gnostois*)" (Luqa 2:44). "Sellu għal Androniku U Ġunja, **qraba** (Grieg: *suggenes*) tiegħi…" (Rumani 16:7, 21).

23. **Il-kelma "kuġin" ukoll insibuha fil-Bibbja:** "…Marku, **il-kuġin** (Grieg: *aneptios*) ta' Bar-naba…" (Kolossin 4:10).

24. **Hemm xi ħadd ippreferut fost il-bnedmin?** "Ġew għalih ommu u ħutu,… Xi ħadd qallu: "Ommok u ħutek qegħdin hawn barra u jridu jarawk" Iżda hu weġibhom: "Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid hu" (Luqa 8: 20; Mattew 12:50). "Waħda mara qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt" Iżda hu (Ġesù) qali-lha: "Imma tassew ngħidlek, *aktar hienja* dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarusha!" (Luqa 11:27). "Alla ma jħares lejn wiċċ *ħadd*" (Atti 10:34; Rumani 2:11; Kolossin 3:25).

25. **Min qatt ma kien jista' jagħmel ebda dnub f'ħajtu?** "***Ħadd*** ma hu tajjeb *ĦLIEF ALLA WAĦDU*" (Luqa 18:19; Mattew 19:17). Dan il-Mulej qiegħed jgħidu! Ġesù Kristu Hu mingħajr **ebda** dnub (2 Korintin 5:21; 1 Pietru 2:21; 1 Ġwanni 3: 5). Ġesù "il-qassis il-kbir…qad-dis, innoċenti, safi, maqtugħ mill-midinbin" (Lhud 7:26).

26. **Hemm xi ħadd ieħor mingħajr ebda dnub?** "Kif inhu miktub: '**Ħadd**, **ebda wieħed**, ma hu ġust'" (Rumani 3:10, 12). "Il-bnedmin **kollha** dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla" (Rumani 3: 23). "…U hekk il-mewt laħqet **il-bnedmin kollha**, għax **kollha dinbu**" (Rumani 5:12). "Jekk ngħidu li ma għandniex dnub, in-kunu qegħdin inqarrqu bina nfus-na, u l-verità ma tkunx fina" (1 Ġwanni 1:8).

27. **La l-bnedmin *kollha* dinbu, allura l-bnedmin *kollha* għandhom bżonn s-Salvatur.** L-aħjar eżempju tagħtulna Marija,

omm Ġesù, nfisha meta qalet: "U l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla **s-Salvatur tiegħi**" (Luqa 1:47). "Għax it-tama tagħna hi f'Alla l-ħaj, li hu s-Salvatur tal-bnedmin **kollha**" (1 Timotju 4:10). "… twildilkom Salvatur, **li hu** l-Messija, il-Mulej" (Luqa 2:11; Titu 2:13; 2 Pietru 1:2, 11).

28. **Baqa' xi ħadd verġni anke mill-att ta' ġuf wara li welled?** "Kull tifel li jiftaħ il-ġuf jissejjaħ imqaddes lill-Mulej" (Luqa 2:23). "Jiftaħ il-ġuf" fil-Grieg: *dianoigon metran* waqt li fil-Latin: *aperitio vulvae*

29. **Kull min għandu grazzja?** "Sliem għalik mimlija bil-grazzja ….Għax int sibt grazzja (Luqa 1: 28, 30). Hawn fl-oriġinal għandna "l-waħda *favorita*" u "għax int sibt *favur*" mhux "mimlija bil-grazzja" u "għax int sibt grazzja"! "Stiefnu, kollu *grazzja* u qawwa, …" (Atti 6:8). "…biex *il-grazzja* tilħaq ħafna bnedmin oħra,…" (2 Korintin 4:15).

30. **Min tela' s-sema?** "U hekk il-Mulej Ġesù, wara li kellimhom, *kien imtella' fis-sema* u qagħad in-naħa tal-lemin ta' Alla" (Mark 16:19; Luqa 24:51; 1 Pietru 3:22; Atti 1:10). Kien hemm xi ħadd ieħor li tela' s-sema? – "**Ħadd** ma tela' s-sema ***ħlief*** *Bin il-bniedem, li niżel mis-sema*" (Ġwanni 3:13). "…Dak li niżel *huwa dak li tela' fuq is-smewwiet* kollha, biex jim-la kollox" (Efesin 4:10). "…u *ma tkunux tistgħu tiġu* fejn inkun jien" (Ġwan-ni 7:34). "…min *hu mill-art hu ta' l-art*…dak li hu *ġej mis-sema* hu fuq kulħadd" (Ġwanni 3:31; 6:38, 62; 8:23).

31. **Min tela' s-sema bil-ġisem?** "David ra minn qabel u ħab-bar il-qawmien tal-Messija, u qal, 'La kien mitluq fl-imwiet *u lan-qas ġismu ma ra t-taħsir*" (Atti 2: 31).

32. **Tela' xi ħadd ieħor is-sema bil-ġisem?** "…id-demm u l-laħam *ma jistgħux* jirtu s-saltna ta' Alla*;* lanqas *it-taħsir in-nuqqas ta' taħsir*…Aħna **lkoll** nitbiddlu" (1 Korintin 15:50, 51).

33. **Il-Magħmudija tfisser *difna fl-ilma*, fil-Grieg, *baptizo* – Hi għall-kbar – Hi għall-maħfra tad-dnubiet – Tagħtina d-don**

**ta' l-Ispirtu s-Santu – Iddaħħlna fis-saltna ta' Alla – Tlibbisna 'l Kristu – taħslilna dnubietna – issalvana.** "Ġesù, wara li tgħammed, minnufih *tela' mill-ilma*." (Mattew 3:16). "Min *jemmen* u jitgħammed isalva…" (Mark 16:16). "Għalhekk *dawk li laqgħu kliemu tgħammdu*" (Atti 2:41). "Meta *emmnu* l-bxara t-tajba li Filippu kien ixandrilhom fuq is-saltna ta' Alla u fuq l-isem ta' Ġesù Kristu, tgħammdu, *kemm l-irġiel u kemm in-nisa…*" (Atti 8: 12). "Indfintu miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet" (Kolossin 2:12; Rumani 6:3-5). "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu *għall-maħfra tad-dnubietkom* u tirċievu *d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38). "Wieġbu Ġesù: "Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx *mill-ilma* u l-Ispirtu, *ma jistax* jidħol fis-saltna ta' Alla" (Ġwanni 3:5). "Intom li intom mgħammda fi Kristu, *ilbistu 'l Kristu*" (Galatin 3:27). "...Qum! Tgħammed u *nħasel* minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu" (Atti 22:16). "Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, *li issa ssalva lilkom ukoll…*" (1 Pietru 3:21).

34. **Dwar it-trabi mkien ma ssib li dawn tgħammdu, għal kuntrarju, naqraw:** "Ġibulu wkoll quddiemu *t-trabi* biex imisshom….Ġesù qalilhom: 'Ħalluhom lit-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u żżomuhomx, *għax ta' min hu bħalhom* hija s-saltna ta' Alla. Tassew, ngħidilkom, li min is-saltna ta' Alla ma jilqagħhiex b'qalb *ta' tifel ċkejken* ma jidħolx fiha" (Luqa 18:15-17; Mattew 18: 1-5). Skond Ġesù, aħna, l-kbar, irridu nsiru bħat-trabi u mhux lit-trabi nġibuhom bħalna, midinbin! Tarbija ma jista' jkollha ebda dnub għaliex "id-dnub hu l-ksur tal-liġi" (1 Ġwanni 3:4) u tarbija ma tista' tikser ebda liġi! Tarbija ma tistax, bħall-kbar: Tisma' l-Bibbja; temmen il-Bibbja; tindem minn dnubiet li għadha ma għamlitx; isejjaħ l-Isem ta' Alla. Ġesù jgħidilna li: "jekk intom ma terġgħux issiru *bħat-tfal iż-żgħar*, żgur li ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet" (Mattew 18:2). Il-KBAR Għandhom isiru bħaż-żgħar mhux il-kontra!

35. **Min jaħfer id-dnubiet li nkunu erġajna għamilna wara l-magħmudija?** "*Missierna li inti fis-smewwiet…*Aħfrilna dnubiet-

na, bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina" (Mattew 6:9, 12; ara Luqa 15:28-24, 31, 32). "Indem minn dan il-ħażen tiegħek, *u itlob lill-Mulej* biex forsi jaħfirlek…" (Atti 8:22). "…Jekk xi ħadd jidneb, aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, *lil Ġesù Kristu*, il-ġust. U *hu* jħallas għal dnubietna…" (1 Ġwanni 2:1-2). "*Fih* aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet..." (Efesin 1:7). "Għax wieħed hu Alla, *u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem Kristu Ġesù*" (1 Tim-otju 2:5).

36. **Jekk dnibna kontra bniedem ieħor, aħna għandna nitolbu l-maħra lilu u hu fid-dmir li jaħfrilna:** "…bħalma aħna naħfru *lil min hu ħati għalina*" (Mattew 6:12). "Għax jekk *intom taħfru* lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet *jaħfer lilkom* ukoll" (Mattew 6:14). "Stqarru *wieħed lil l-ieħor id-dnubiet tagħkom u itolbu għal xulxin,…*" (Ġakbu 5:16). "Mulej, xi kemm-il darba ħija jrid jidneb kontra tiegħi biex *jien naħfirlu*? (Mattew 18:22).

37. **Hemm ħtieġa li jsir sagrifiċċju ieħor ta' kuljum ta' Kristu?** "Hekk ukoll Kristu, wara li *offra lilu nnifsu* ***darba biss*** biex jitgħabba bi dnubiet ta' kulħadd,…" (Lhud 9:28). "Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz ta' l-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu *magħmula darba għal dejjem*" (Lhud 10:10). "Kull qassis ieħor imur *kuljum* biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet. *Imma Kristu, wara li offra* ***sagrifiċċju wieħed*** *għad-dnubiet, qagħad għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla*" (Lhud 10:11-12). "Għax hu ***b'offerta waħda*** għamel perfetti *għal dejjem* lil dawk li huwa jqaddes. *Dan jixhdulna l-Ispirtu s-Santu …*" (Lhud 10:14, 15). "Issa, fejn hemm il-maħfra tad-dnubiet, *ma hemmx għalfejn issir aktar l-offerta għad-dnubiet*" (Lhud 10:18). "Għax jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna, *ma hemmx sagrifiċċju ieħor* għad-dnub *xi jsir*" (Lhud 10: 26). "Dan hu għamlu *darba għal dejjem*, meta offra lilu nnifsu" (Lhud 7:27).

38. **Għandna aħna llum nagħarfu lil Kristu skond il-ġisem?**

"Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. *Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem,* ***issa ma nagħarfuhx aktar hekk***" (2 Korintin 5:16). "Aħna ngħixu bil-fidi *u mhux bil-viżjoni*" (2 Korintin 5:7).

39. **Lil min għandna nitolbu u f'isem min?** "Int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob *lil Missierek* li hu fil-moħbi… intom u titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn min għalihom li, *iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu.* **Tkunux bħalhom** għax Missierkom jaf x'taħtieġu, qabel ma titolbuh intom. Mela *itolbu hekk:* ***'Missierna***, li inti fis-smewwiet..." (Mattew 6:5-15). "Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu *kollox f'isem il-Mulej Ġesù*, u roddu ħajr lil Alla l-Missier *permezz tiegħu*" (Kolossin 3:17). "Għax wieħed hu Alla, *u* ***wieħed*** *hu l-medjatur* bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem Kristu Ġesù" (1 Timotju 2:5). "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier *jekk mhux permezz tiegħi*" (Ġwanni 14:6).

40. **Hemm xi isem ieħor, barra minn dak ta' Ġesù Kristu, li permezz tiegħu aħna nistgħu nkunu salvi?** "***F'ħadd ħliefu*** ma hemm salvazzjoni, għax *imkien* taħt is-sema ma *hemm isem ieħor* mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4:12). "Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, *għax hu jsalva* l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mat-tew 1:21).

41. **Lil min għandu nagħtu qima jew naduraw, u għandna aħna ninżlu għarkobbtejna jew nittbaxxew quddiem bniedem ieħor bħalna?** "*Lill-Mulej, Alla* tiegħek, għandek tadura, u *lilu biss* taqdi" (Mattew 4:10; Luqa 4: 10). "U jiena (Ġwanni) nżilt quddiemu (l-anġlu) u nxħett *nagħtih qima*: iżda hu qalli: "*Hekk le!* Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù. *Il-qima lil Alla tagħtiha*" (Apokalissi 19:10; 22:8-9). "Xħin daħal Pietru, Kornelju mar jilqgħu u ntefa' f'riġlejh *jagħti qima.* Imma Pietru qajmu u qallu: '*Qum. Jien bniedem ukoll*'" (Atti 10:25).

42. **Kien Ġesù Kristu mogħti qima jew adurat?** Aqra: Mattew 2:2, 8; Mattew 14:33; Ġwanni 9:39). "Imbagħad, hu u jdaħħal 'l

Ibnu l-Kbir fid-dinja, igħid ukoll: ‘*Ħa jqimuh* l-anġli kollha ta’ Alla’” (Lhud 1:6). “Huma xteħtu fl-art *jagħtuh qima* ...” (Luqa 24:52; Rumani 14:11).

43. **Min huma l-*qaddisin* skond il-Bibbja Mqaddsa?** “Issa sa mmur Ġerusalem biex *inservi lill-qaddisin*…mal-fqar li hemm f’Ġerusalem *fost il-qaddisin*” (Rumani 15:25, 26). “…lill-knisja ta’ Alla li qiegħda f’Korintu, flimkien *mal-qaddisin* kollha li *qegħdin fl-Akaja*” (2 Korintin 1: 1; Efesin 1:1). “Sellmu lil xulxin b’bewsa qaddisa. *Il-qaddisin kollha* jsellmulkom” (2 Korintin 13: 12).

44. **Il-Purgatorju mkien ma jinsab fil-Bibbja Mqaddsa.** “Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħa-duh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll il-għani, u difnuh. Dan kif sab ruħu fi *tbatijiet ħorox* f’art l-imwiet, refa’ ħarstu, u mill-bo-għod lemaħ lil Abraham, b’Lażżru fi ħdanu. U għolla leħnu u qallu, ‘Missier, Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f’dan *in-nar*. ‘Ibni,’ qallu Abraham,… Lażżru…hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li int qiegħed tbati. Barra minn dan, *hemm vojt bla qjies bejnkom u bejna*, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista’, u anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna” (Luqa 16:22-26). “Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta’ Kristu, *ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel* ***meta kien għadu ħaj fil-ġisem***” (2 Korintin 5:10; Rumani 14:12). “Dnubiethom u ħtijiethom *ma niftakarhomx aktar*” (Lhud 8:12; 10:17).

45. **Il-Bibbja Mqaddsa hija l-Kelma ta’ Alla:** Ara 2 Timotju 3:15-17. “Qalilhom Ġesù: ‘U mhux għalhekk tiżbaljaw intom? *Għax la tafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa ta’ Alla*!” (Mark 12:24; Atti 17: 11; Rumani 10:17; Atti 8: 4; 1 Kor. 4:6). “Aħna niżżu ħajr bla heda lil Alla *talli l-kelma t’Alla,* li intom smajtu minn għa-ndna, *ilqajtuha mhux bħala kelma ta’ bniedem, iżda bħala kelma ta’ Alla,* ***kif tassew hi****…*” (1 Tessa-lonikin 2:13; Ġwanni 12:48).

46. **Twissijiet dwar profeti u għalliema foloz u għeġubijiet:**

“Ġesù weġibhom: ‘Araw li ħadd ma jqarraq bikom. Għax għad *jiġu ħafna* f’ismi u jgħidu ‘Jien hu l-Messija’ *u jqarrqu b’ħafna nies*” (Mattew 24:4-5; Ara wkoll: Mattew 24:24; Mark 13:22; 2 Tessalonikin 2: 3; Matt. 15:9; Matt. 15:3; Mark 7:9,13; Matt. 7:15; Matt. 7:22-23; 2 Korintin 2: 17).

47. **L-Ereżija:** (Galatin 5:21). “Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f’hekk tinżel il-korla t’Alla fuq dawk li ma jisimgħux” (Efesin 5: 6; Ara wkoll Gal. 5:21; Kolossin 2: 8; 2 Timotju 4:2-3; 2 Pietru 2: 1). “Tħallux ’il min iqarraq bikom, b’ebda mod!” (2 Tess. 2:3-4).

48. **Viżjonijiet foloz:** “Imba-għad, jekk xi ħadd igħidilkom, ‘Ara, hawn hu l-Messija,’ jew, ‘Hemm,’ la temmnuhx… Ara, għedthulkom minn qabel. Jekk mela jgħidulkom, ‘Ara, qiegħed barra fid-deżert,’ tmorrux; ‘Ara, qiegħed ġewwa fid-dar,’ temmnux” (Mattew 24:23-26; Mark 13: 21). “Aħna ngħixu bil-fidi mhux bil-viżjoni” (2 Kor. 5:7). “Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f’anġlu tad-dawl” (2 Kor. 11:14; Galatin 1:8; 2 Kor. 6: 17).

Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan tat-Testment il-Ġdid, xejn aktar, xejn inqas. Agħmel dan illum!

**Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:**
**Knisja Ta’ Kristu**
**Flat 1, Polytechnic Flats,**
**Ġużè Debono Square,**
**Msida MSD 10**